**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 20 ta' Ġunju 2023**

Rikors Numru: 163/17 AL

AB

vs

CDB

(M.R. Numru 2268/2005)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu i ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Peress illi l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar is-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) u dan kif jinsab irregistrat fic-certifikat taz-zwieg (anness u mmarkat Dok A).
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal; ossia E, F, G, H-I, ahwa B li llum ghandhom ghaxar snin, sebgha snin, erbgha snin u tlett snin rispettivament hekk kif jidher mic-certifikati tat-twelid annessi u mmarkati Dok B - Dok E).

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet m'għadhiex izjed possibbli minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenuta fosthom eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid u/jew offizi gravi Ikoll imwettqa u ezercitati minnha fil-konfront tar-rikorrenti, hekk kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tadawn il-proceduri;

4. Illi konsegwenza tadan wara l-ftuh tal-procedura ta' medjazzjonir-rikorrenti kellu jallontana ruhu mid-dar taz-zwieg tort imputabbli lill-intimata; fejn halla effetti personali u assi parafernali li ghadhom ma gewx rritornati lura lilu; Illi r-rikorrenti ghamel diversi tentattivi ta' rikonciljazzjoni izda dawn ma hallewx frott minhabba l-intransigenza tal-konvenuta;

5. Illi l-intimata ghawwiet it-tfal minuri kontra r-rikorrenti tant li t-tfal jesprimu x-xewqa li rrikorrent imut biex jehilsu minnu. Dan iffisser li tilef kull kuntatt mat-tfal B'ordni tal-Qorti (anness u mmarkat Dok F) temporanjament ir-rikorrenti inghata access supervizjonat mill-Appogg izda t-tfal ma humiex qed joqgħodu waqt l-access u addirittura esprimew ix-xewqa li joqtlu lis-social worker;

6. Illi l-partijiet naqsu wkoll milli jaslu ghal separazzjoni bonarja bejniethom permezz ta' proceduri tamedjazzjoni; Illi r-rikorrenti ma kellux triq ohra hajr li jintavola dawn il-proceduri;

7. Illi r-rikorrenti gie debitament awtorizzat minn dina l-Qorti sabiex jipprocedi b'din ilkawza u dan permezz tadigriet moghti minn din l-istess Qorti datat it-tletin (30) ta' Mejju 2017. (anness u mmarkat Dok G).

Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-konjugi B u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimata CB;

2. Tafda l-kura u kustodja tat-tfal f'idejn il-partijiet konguntivament u tiddeciedi l-affidament u l-access fl-aħjar interess tal-minuri;

3. Tiffissa manteniment ghat-tfal minuri biss skond il-bzonnijiet taghhom u tiddeciedi il-jum u l-hin meta tali pagamenti għandhom isiru;

4. Ixxolji l-kommunjoni tal-akkwisti bejn iz-zewg partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati prozjon wiehed lir-rikorrenti u l-lehor lill-konvenuta, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi.

5. Tordna li l-assi parafernali tar-rikorrenti jintraddu kollha lura mill-konvenuta;

6. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kollha kompletati fil-ligi, partikolarment Artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili;

7. Tiddeciedi li d-dar matrimonjali ma tibqax bejn il-partijiet billi tordna l-bejgħ tagħha u jinqasam ir-rikavat nofs bin-nofs jew inkella tordna li tigi assenjata lill-mara biex tghix fiha mal-minuri purche r-rikorrenti jigi kkumpensat mill-assi tal-kommunjoni mill-istess mara;

8. Tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja tal-konvenuta fuq l-istess att u tiffissa datat, lok u hin ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt in kwistjoni jekk hekk ikun mehtieg:

9. Tawtorizza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Qorti.

Salv kull provediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrila xieraq u opportun ghat-twettiq shih u sewwa ta' dan il-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 18 li permezz taghha esponiet:

1. Illi hija taqbel mar-rikorrenti għat-talba tas-separazzjoni personali iżda dan mhux għar- ragunijiet premessi minnu stante illi l-ħtija għandha tigi attribwita unikament lir-rikorrenti li huwa hati tavjolenza, swat, eccessi, minaccji, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet oħra validi fil-Ligi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża,

   Għalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu jimputaw xi tort lill-eccipjenti għal ksur tal-hajja miżżewga u kwalunkwe allegazjoni li hija għawwiet lit-tfal minuri huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu michuda bl-ispejjeż.

2. Illi hija tikkontesta it-tieni talba stante li l-kura u kustodja tat-tfal minuri għandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-esponenti li għandha tigi awtorizzata wkoll tieħu kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-istess minuri inkluż dawk ta' sahha u edukazzjoni, safar u hrug ta' passaporti, mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti. Illi in kwantu għall-accessi hija taqbel li l-Qorti għandha tara x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri,

3. Fir-rigward tal-manteniment għall-minuri hekk dedotta fit-tielet talba, hija taqbel li l-r-rikorrenti għandu jħallas retta alimentari favur uliedu, liema manteniment għandu madanakollu jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tar-rikorrenti, mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe beneficcju li qed jippercepixxi,

4. Taqbel mar-raba talba in kwantu l-komunjoni tal-akkwisti għandha tigi xolta u maqsuma tenendo kont ukoll li r-rikorrenti huwa hati għat-tifrik taz-zwieg kif premess u kif ser jigi ppruvat tul il-kawza;

5. Tichad il-ħames talba stante illi hija m'għandha l-ebda beni u krediti parafernali tar-rikorrenti fil-pussess tagħha. Fi kwalunkwe każ,

għandu jkun ir-rikorrenti li jipprova l- ezistenza tatali beni u krediti parafernali, u jekk l-eżistenza ta' tali assi parafernali tigi ppruvata mir-rikorrenti, kwalunkwe frott tal-istess beni jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Civili;

6. Tikkontesta b'mod assolut is-sitt talba stante illi l-esponenti m'għandha tbagħti l-ebda sanzjonijiet hekk kontemplati, u jekk xejn dawn is-sanzjonijiet għandhom jigu imposti fuq ir-rikorrenti għar-raġunijiet premessi, u kif ser jirriżulta u jiġi ben ippruvat tul il-procediment tal-kawża;

7. Illi hija taqbel parzjalment mas-seba talba in kwantu hija tigi awtorizzata tgħix gewwa d-dar matrimonjali flimkien mat-tfal minuri;

8. Illi hija taqbel mat-tmien u disa' talba;

9. Illi l-esponent topponi għall-ispejjeż kollha tal-kawża odjerna.

Salv eċċezzjonijiet oħra

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hu ngunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-rikors ta’ Ivan Sammut tat-22 ta’ Awwissu 2022 illi permezz tieghu talab li l-ewwel talba tieghu fil-kawza ta’ separazzjoni Rikors numru 163/17 AL tigi konvertita ghal dik ta’ divorzju;

Il-Qorti rat in-nota ta’ ċessjoni tal-attur tat-13 ta’ Gunju 2023 li permezz tagħha ċeda t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors ġuramentat numru 163/17 ħlief għall-ewwel talba u dana peress li seduta stante intalbet il-konverżjoni tal-ewwel talba minn talba għal separazzjoni personali dik ta’ talba għal divorzju. Il-Qorti qeghda tilqa’ din it-talba;

Rat illi l-partijiet iffirmaw u ppubblikaw kuntratt ta’ separazzjoni bonarja fit-12 ta’ Ġunju, 2023;

Għaldaqstant, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha ħlief għall-ewwel talba li hija dik ta’ talba għal divorzju;

Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha, wara li rat ukoll l-artikolu 66B tal-kap 16, rat illi r-rikorrenti ssodisfa r-rekwiziti kollha rikjesti mill-liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom *de facto* separati għal aktar minn sitt snin ;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ l-ewwel talba, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.